MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 178/2010

**Emanuel Schembri**

**Vs**

**Anthony Tanti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors guramentat ipprezentat minn Emanuel Schembri fit-13 ta' Mejju 2010 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tirrexxindi u thassar is-sentenza fl-ismijiet "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru. 357/00 datata 26 ta' Jannar 2010 stante li hija vizzjata ai termini ta' l-Artikolu 811(e), (f) u (g) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet premessi skond il-Ligi, bl-ispejjez kontra Anthony Tanti;

Rat ir-Risposta guramentata ta' Anthony Tanti permezz ta' liema jopponi ghat-talbiet tar-Ritrattand u jitlob li l-istess jigu michuda, bl-ispejjez kontra tieghu, stante li

preliminarjament: (i) ir-Rikors promotur huwa rritu u null in kwantu tardiv peress illi gieipprezentat wara t-terminu previst fil-Ligi, liema terminu huwa wiehed ta' dekadenza; (ii) ir-Rikors promotur huwa rritu u nulla stante li ma jissussistux ir-rekwiziti necessarji biex tintalab ir-ritrattazzjoni; (iii) ir-Rikors promotur huwa rritu u null stante li t-talbiet saru inutili u ma humiex konformi mal-Ligi peress illi bil-kawza odjerna ma jistax jinholoq dak prospettat fir-Rikors promotur, u fil-mertu (iv) ir-Rikors promotur huwa bla bazi stante li jikxef il-fatt li r-Ritrattand ma kienx isegwi l-kawza promossa minnu. Peress illi r-Ritrattand ghandu juri interess fil-kawza promossa minnu ghandu jbati l-konsegwenzi ta' xi nuqqas li jista' jinqala; (v) konsegwentement ladarba r-Ritrattand ma weriex interess attiv fil-kawza promossa minnu ghandha tirrizulta l-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tar-Ritrattat;

Rat l-affidavit ta' Emanuel Schembri esebit permezz ta' Nota pprezentata fil-14 ta' Jannar 2011 a fol.15 sa' 17 tal-process u semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' l-istess Emanuel Schembri moghtija waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011[1];

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru. 357/00 allegati ma' l-atti ta' dawn il-proceduri;

Semghet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni r-Ritrattand jitlob it-thassir u r-revoka tas-sentenza fl-ismijiet "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru.357/00 datata 26 ta' Jannar 2010 in bazi ghall-Artikolu 811(e), (f) u (g) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-konsegwenti ritrattazzjoni ta' l-imsemmija kawza. Huwa jibbaza t-talbiet tieghu fuq l-affermazzjoni li: (a) dakinhar tas-26 ta' Jannar 2010, wara diversi snin li kienu ilhom jingabru l-provi, ir-Ritrattat ha vantagg mill-fatt li huwa, ossia r-Ritrattand, ma kienx gie avzat bil-fatt li dik il-

[1] Fol. 21 tal-process.

kawza ma baqghetx tinstema' quddiem il-Magistrat Joseph Apap Bologna izda bdiet tinstema' quddiem il-Magistrat Gabriella Vella, bil-konsegwenza li la hu u lanqas id-difensur tieghu ma kienu f'posizzjoni jattendu ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2010 quddiem il-Magistrat Gabriella Vella, li fiha kien imharrek bhala xhud, u talab li fl-assenza ta’ l-attur [ir-Ritrattand f’dawn il-proceduri] jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u fuq l-affermazzjoni ulterjuri li: (b) il-Qorti b'mod zbaljat illiberat lir-Ritrattat mill-osservanza tal-gudizzju in segwitu ghal talba bbazata fuq l-Artikolu 199(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-Ritrattat jilqa' ghat-talbiet tar-Ritrattand b'diversi eccezzjonijiet preliminari fejn jattakka l-validità tar-Rikors promotur stante li: (a) gie pprezentat tardivament, (b) ma huwiex imsejjes fuq ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi ghall-fini li tintalab ritrattazzjoni; u li (c) it-talbiet proposti mir-Ritrattand ma humiex konformi mal-Ligi. Fil-meritu jikkontendi li t-talbiet tar-Ritrattand huma infondati u jekk xejn ir-Rikors promotur effettivament juri li l-istess Ritrattand naqas milli juri interess attiv fil-proceduri istitwiti minnu u ghalhekk issa ghandu jirrispondi ghal tali nuqas da parte tieghu. Huwa jinsisti li f'cirkostanzi fejn ir-Ritrattand *qua* attur naqas milli juri interess attiv fil-proceduri minnu istitwiti, il-Qorti gustament illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju u ghalhekk ma hemmx lok ghar-ritattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru. 375/00.

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel zewg kwistjonijiet li ghandhom jigu trattati huma dawk sollevati mir-Ritrattat bl-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tieghu, ossia n-nullità tar-Rikors promotur stante li fil-kaz in ezami ma jissussistux l-estremi necessarji biex tintalab ir-ritrazzjoni[2] u n-nullità tar-Rikors promotur stante li huwa tardiv peress illi gie ipprezentat oltre t-terminu prefiss fil-Ligi, liema terminu huwa wiehed tassattiv[3].

Ghall-fini li tigi trattata n-nullità tar-Rikors promotur sollevata mir-Ritrattat bit-tieni eccezzjoni preliminari

---

[2] It-tieni eccezzjoni tar-Ritrattat.
[3] L-ewwel eccezzjoni tar-Ritrattat.

tieghu, jehtieg li jigi ezaminat dak li sehh fil-proceduri fl-ismijiet "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru. 375/00, specjalment dak li sehh fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2010.

Mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2010[4] jirrizulta li ghalkemm l-attur f'dawk il-proceduri, ossia r-Ritrattand odjern, kien debitament ingunt biex jidher quddiem il-Qorti ghall-fini li jixhed, huwa naqas milli jidher u f'dak l-istadju l-konvenut, ossia r-Ritrattat odjern, talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti, wara li regghet sejhet il-kawza u rat li l-attur baqa' ma deherx, laqghet it-talba tal-konvenut u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-attur.

Ai termini ta' l-Artikolu 812 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta *r-ritrattazzjoni ta' kawza deciza* ***b'sentenza***[5] *moghtija minn Qorti ta' l-ewwel grad, u* ***li ghaddiet f'gudikat***[6]*, tista' tinghata wkoll fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan* [Artikolu 811]*, basta li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun ghalaq iz-zmien ghall-appell.* Minn dan l-artikolu tal-Ligi jirrizulta b'mod car li r-rittrattazzjoni tista' tintalab biss minn kawza maqtugha b'sentenza  li tkun ghaddiet in gudikat u mhux minn kwalunkwe tip ta' pronuncjament tal-Qorti tkun xi tkun in-natura guridika tieghu.

Skond ir-Ritrattand il-pronuncjament tal-Qorti tas-26 ta' Jannar 2010 huwa sentenza tant illi bl-ewwel talba tieghu f'dawn il-proceduri jitlob li l-Qorti *tirrixxindi u thassar <u>is-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Jannar 2010</u>*[7] *u dan minhabba li hija vizzjata kif inghad hawn fuq u dan ghat-tenur tal-artikolu 811(e), (f) (g) jew liem minnhom tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*, izda dana ma huwiex korrett. Ghalkemm bil-provvediment tas-26 ta' Jannar 2010 il-Qorti helset lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, fil-fehma Taghha dak il-

[4] Fol. 100 u 101 tal-process tal-kawza "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru. 375/00.
[5] Enfasi tal-Qorti.
[6] *Ibid.*
[7] Sottolinear tal-Qorti.

provvediment ma jistax u ma ghandux jitqies bhala sentenza ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikoli 811 u 812 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda huwa Digriet li minnu ma hemmx lok ghal talba ghar-ritrattazzjoni.

Il-fatt li provvediment tal-Qorti moghti ai termini ta' l-Artikolu 199 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta - inkluz ghalhekk provvediment li bih il-konvenut fi proceduri giudizzjarji jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju – huwa Digriet u ma jistax u ma ghandux jitqies bhala li hu ekwivalenti ghal sentenza jirrizulta minn dak provdut fl-Artikolu 199(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta - *fil-kaz il-wiehed* (il-kawza tigi kkancellata ai termini ta' l-Artkolu 199(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) *u l-iehor* (il-konvenut jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju ai termini ta' l-Artkolu 199(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta), *jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti,* ***il-kawza tigi mill-gdid mqieghda fuq il-lista, mismugha u maqtugha***[8]*, ghandu, b'rikors, li ghandu jigi pprezentat fiz-zmien ta' ghaxart ijiem, jaghmel talba ghal daqshekk. Din it-talba ghandha tintlaqa' ghal darba wahda biss, u l-Qorti ghandha tappunta gurnata ghas-smigh tal-kawza bi spejjez ta' l-attur, b'dan illi l-attur ghandu jhallas, jew jiddepozita fir-registru tal-qorti qabel il-jum stabbilit ghas-smigh tal-kawza, l-ispejjez kollha stabbiliti fit-tariffa, u li johorgu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tieghu naqsu li jidhru, skont il-kaz.*

Minn dan l-Artikolu tal-Ligi johrog car li Digriet moghti ai termini ta' l-Artikolu 199 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn in verità ma jkunx gie trattat u wisq inqas determinat il-mertu ta' l-azzjoni, ma ghandux dak l-element ta' definittività necessarju biex provvediment tal-Qorti jista' jitqies bhala sentenza jew li ghandu l-istess effetti ta' sentenza.

Huwa veru li jekk l-attur jonqos milli jressaq Rikors ai termini ta' l-Artikolu 199(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta entro t-terminu hemm prefiss ma jkunx jista' iktar jitlob li dawk l-istess proceduri jitqieghdu fuq il-lista ghall-

---

[8] Enfasi tal-Qorti.

kontinwazzjoni tas-smigh u ghad-decizjoni finali, izda tali cirkostanza ma tistax u ma ghandhiex twassal ghall-bdil tan-natura guridika ta' provvediment tal-Qorti moghti ai termini ta' l-Artikolu 199 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk tirrendi l-kawza relattiva suscetibbli ghar-ritrattazzjoni ai termini ta' l-Artkoli 811 u 812 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Philip O. Gatt pro et noe et v. Adrian Busietta pro et noe, Rik. Nru. 133/01** deciza fid-9 ta' Mejju 2002: *inghad ghadd ta' drabi li l-htigijiet procedurali f'kazijiet ta' smigh mill-gdid ghandhom jigu mfissra b'mod dejjaq u litterali, sewwasew minhabba n-natura eccezzjonali ta' dan l-istitut. Issa jekk dan japplika ghal sentenzi li ghaddew f'gudikat, ghandu japplika b'izjed qawwa ghal dawk il-provvedimenti li ma jikkostitwixxux sentenza. F'kaz fejn provvediment temm azzjoni minghajr ma investiet il-mertu inghad espressament li r-rimedju tas-smigh mill-gdid ma japplikax ghaliex b'dak il-provvediment il-kawza ma kinitx meqjusa b'hekk bhala li giet deciza ghall-finijiet tal-Ligi.* Ghalkemm din id-decizjoni inghatat fil-kuntest ta' Digriet li ordna lir-Registratur tal-Qorti biex jittiehdu proceduri ai termini ta' l-Artiklu 1003A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-fehma tal-Qorti l-principji hemm enuncjati japplikaw anke ghall-kaz in ezami.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li kif korrettament eccepit mir-Ritrattat fit-tieni eccezzjoni preliminari tieghu, il-proceduri istitwiti mir-Ritrattand huma irriti u nulli stante li fil-kaz in ezami ma jissussistux l-elementi necessarji - senjatament ma hemmx kawza li giet determinata b' sentenza - biex tista' tintalab ir-ritrattazzjoni ai termini tal-Ligi.

Bla pregudizzju ghal dan kollu appena osservat, jinghad illi anke kieku stess id-Digriet tas-26 ta' Jannar 2010 kellu jitqies bhala sentenza ghall-finijiet ta' l-Artikolu 811 *et sequitur* tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet tar-Ritrattand xorta wahda ma jistghux jirnexxu ghaliex l-proceduri odjerni gew minnu istitwiti oltre t-terminu tassattiv ta' tlett xhur prefiss fil-Ligi.

Ir-Ritrattand jitlob it-thassir tal-pronuncjament tal-Qorti tas-26 ta' Jannar 2010 u r-ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "Emanuel Schembri v. Anthony Tanti" Avviz Nru.375/00 in bazi ghall-Artikolu 811(e),(f) u (g) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ai termini ta' l-Artikolu 818(d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta r-Ritrattand kellu jistitwixxi l-proceduri ghar-ritrattazzjoni fi zmien **tlett xhur mid-data tal-pronuncjament attakkat**, ossia fi zmien tlett xhur mis-26 ta' Jannar 2010, liema terminu huwa wiehed **perentorju**[9].

Mill-atti processwali jirrizulta li r-Ritrattand, li fi kwalunkwe kaz jirrizulta li sar jaf bil-pronuncjament tal-Qorti tas-26 ta' Jannar 2010 fid-19 ta' Frar 2010[10], istitwixxa l-proceduri odjerni **fit-13 ta' Mejju 2010** u cioè ben oltre t-terminu ta' tlett xhur prefiss fil-Ligi. Ghalhekk kif gustament eccepit mir-Ritrattat, il-proceduri odjerni huma fi kwalunkwe kaz irriti u nulli in kwantu pprezentati oltre t-terminu perentorju ta' tlett xhur prefiss fil-Ligi.

B'hekk thares minn fejn thares lejn il-proceduri istitwiti mir-Ritrattand in segwitu ghall-pronuncjament tal-Qorti tas-26 ta' Jannar 2010, dawn jirrizultaw li huma ghal kollox irriti u nulli u ghaldaqstant ma hemmx lok li l-Qorti tidhol fi u tittratta dwar it-talbiet tar-Ritrattand u lanqas fil-kwistjonijiet ulterjuri sollevati mir-Ritrattat fl-eccezzjonijiet l-ohra tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tar-Ritrattat u filwaqt li tiddikjara li l-proceduri istitwiti mir-Ritrattand huma irriti u nulli, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-Ritrattand.

**MAGISTRAT**

---

9 Atikolu 819(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.
10 Affidavit tar-Ritrattand a fol. 16 u 17 tal-process.

**DEPUTAT REGISTRATUR**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------